# SANTA MARIJA TA’ ĠESÙ

Ġorġ Aquilina OFM

Mhux darba u tnejn li staqsewna dwar it-tifsira ta’ dan it-titlu. F’Malta llum għandna biss żewġ knejjes u kunventi iddedikati għal dan it-titlu marjan. It-tweġiba ma tistax tkun waħda sempliċi. Tiġbor flimkien ħafna truf, li fuq kollox huma lkoll interessanti.

Għal min hu midħla ta’ l-istorja tal-moviment Franġiskan u l-istorja tiegħu, għandu jinduna li b’dan it-titlu qed nirreferu għar-riforma li seħħet fl-Ordni Franġiskan fis-sekli erbatax u ħmistax, magħrufa bħala ta’ l-«Osservanza». Tferrxet ma’ kullimkien, u f’kull pajjiż kellha l-mexxej tagħha. Fi Sqallija, ir-Riforma tagħraf bħala l-mexxej ewlieni tagħha lill-Beatu Mattew Giumarra minn Agrigento [c.1376-1450].[1] Il-ħajja ta’ dan il-bniedem kienet waħda interessanti. Mhux biss bħala dixxiplu ta’ San Bernardin ta’ Siena,[2] predikatur u li bħalu xerred id-devozzjoni lejn l-Isem ta’ Ġesù, bħalu immaqdar, ikkalunnjat u ippersegwitat, imma wkoll bħal San Bernardin, riformatur ta’ l-Ordni Franġiskan fi Sqallija u f’Malta.

## Predikatur u Riformatur

Il-Beatu Mattew għex u ħadem fi żmien il-ħtieġa ta’ riforma fil-Knisja u fl-Ordnijiet reliġjużi, u fi żmien ta’ politika ambigwa li kienu qed jimxu fuqha s-slaten u mexxejja Katalani-Aragoniżi, li sa l-aħħar baqgħu favur il papiet ta’ Avignone, ukoll meta kienu anti-papi. Iżda hu fatt storiku li dawn raw fil-Beatu u fl-Osservanti għodda tajba biex isaħħu, permezz ta’ kliemhom, u l-inizzjattivi soċjali tagħhom, saltnathom fost il-popli li kienu jaħkmu, li fi żmien ta’ taħwid politiku ma kienu f’qagħda soċjo-ekonomika u kulturali xejn tajba. Hekk Mattew, predikatur «itineranti», għadda minn pjazza għal oħra, minn raħal jew belt għal oħra, ixandar il-Bxara t-Tajba, jitqabad kontra l-użura u l-mard l-ieħor morali u soċjali. Miġjub mis-setgħanin u maħbub mill-poplu, għamel isem għalih u għar-Riforma ta’ l-Ordni tiegħu stess. Midħla tar-renjanti Aragoniżi, ippriedka f’Valenzia u f’Barcellona, fejn waqqaf ukoll kunventi «Osservanti» bl-istess titlu bħal dawk ta’ Sqallija: «Santa Marija ta’ Ġesù».[3] Mhux biss, imma sa fil-missjonijiet. Nafu bil-kunvent ta’ Santa Marija ta’ Ġesù f’Aleppo, fejn kien superjur għal

---

[1] H. Enzensberger, «I Vescovi Francescani in Sicilia (sec. XIII-XV)», in *Francescanesimo e Cultura in Sicilia (secc. XIII-XVI),* Atti del Convegno internazionale di studio nell'ottavo centenario della nascita di San Francesco d'Assisi, Palermo, 7-12 marzo 1982, Palermo 1987: «Il beato Mateo Giumarra, vescovo di Agrigento dal 1442 al 1445, introdusse in Sicilia con l'appoggio di Martino V la Riforma Osservante dell'ordine francescano (1418-1425). Egli rinunciò al vescovato per dedicarsi alla propagazione degli osservanti sull'isola», 50.

[2] S. Gozzo, *Studi e Ricerche sul Beato Matteo OFM,* Roma 1987, 260-283.

[3] *Ibid.,* 339-379.

ħafna snin P. Arkanġlu Zammit,[4] jekk ma waqqafx dan il-kunvent hu stess. Dan kien arabista magħruf li tiegħu waslu għandna sa xogħlijiet manuskritti bl-Għarbi,[5] u ritratt u pittura tiegħu nistgħu narawhom, barra mill-kunvent tal-Belt, fil-kurridur ta' l-Università l-antika.

Mill-istudju tal-kitba tal-Beatu Mattew joħroġ ċar kemm il-predikazzjoni tiegħu u t-tixrid tal-moviment ta' l-«Osservanza Franġiskana» kienu ta' għajnuna biex titjieb il-qagħda politika, ekonomika, soċjali u kulturali tas-soċjetà li kienet qed toħroġ dejjem aktar mill-era fewdali, u mill-effetti li ġabet magħha l-firda, magħrufa bħala x-«Xiżma ta' l-Oċċident». L-Osservanti kienu ta' għajnuna lis-slaten Katalani-Aragoniżi[6]. Dawn, minn naħa tagħhom, ma naqsux li jagħtuhom kull għajnuna. Insemmu biss il-fatt li fl-1482 kien il-gvern, l-Università ta' Malta, li talbet biex jitwaqqaf f'Malta kunvent Osservanti, u kienu l-Ġurati ta' l-Imdina li interessaw ruħhom li dan isir. Ir-Re Ferdinandu, fis-16 ta' Diċembru 1507, ordna li mill-flus tas-saltna jitħallsu erbatax il-uqija, prezz ta' żewġ pezez drapp, biex bihom il-patrijiet ta' Santa Marija ta' Ġesù jagħmlu t-tonok. Fl-1511, għal darbtejn il-monarkija iddeċidiet ukoll il-preċedenza tal-kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù fuq dak ta' l-Agostinjani u tal-Karmelitani, u riedet li jimżamm l-ordni kif isir «in questa felice città» [Palermo]. Dan minkejja li l-Osservanti ġew Malta warajhom.[7]

## Il-bidu ta' l-Osservanza fi Sqallija

Sa mill-bidu tal-ħajja tiegħu ta' riformatur u predikatur «itineranti», l-Beatu Mattew ħass il-ħtieġa li ma jkunx imbiegħed minn post stabbli f'Messina, biex bla telf ta' żmien ikun preżenti kull fejn id-dmir isejjaħlu f'kemm il-naħa tas-saltna. Mhux għaliex ma kienx milqugħ fil-Kunvent kbir, «magna domus», ta' San Franġisk ta' Messina, imma għaliex ried post fejn jilma l-faqar, u li kien tajjeb għall-ġabra u t-talb. Din kienet il-għażla ta' San Bernardin fit-Toscana, dan rah b'għajnejh Mattew, u dan xtaq li jkollu fi Sqallija.

---

[4] Lourido Diaz R., «El conocimento del àrabe entre los franciscanos españoles de Tierra Santa», in *Archivum Franciscanum Historicum*, 94 (2001), 167, 181.

[5] APF, Mss. A2, 1-4. Dawn l-erba' volumi huma t-traduzzjoni mit-taljan tal-*Cronica seu Legendarium Franciscanum ... ex lingua Italica in linguam Arabicam fidelissime traductum ab Admodum R.P. Arcangelo Zammit de Observantia S.P. Francisci Provinciae Pater, ac Missionario pro Terra Sancta in Aleppo. An. MDCCVIII.* Din kitibha u taha lil ħuh it-Tabib [*Protomedico della Sagra Infermeria*] Dott. Giuseppe Zammit u Saċerdot ta' l-Ordni ta' San Ġwann, li dan wara, fl-1729 irregala l-erba' volumi lill-Bibljoteka tal-Kunvent tal-Belt.

[6] P. Evangelisti, «Fede, Mercato, Comunità nei Sermoni di un Protagonista della Costruzione dell'Identità Politica della Corona Catalano-Aragonese. Matteo d'Agrigento (c. 1380-1450)», in *Collectanea Franciscana*, 73 (2003) 617-664: «Testi che ci permettono di chiarire presupposti e finalità di quell'intensa attività svolta in piena sintonia con i regnanti catalano-aragonesi (...). Una attività testimoniataci dalla lettura incorciata dei sermoni con la notevole quantità di documenti, cancellereschi e privati, che riguardano Matteo e che sono scritti dalla regina Maria, sa re Alfonso (...). Si tratta di 130 documenti cui vanno aggiunti gli 88 strumenti di pace notarili redatti su impulso diretto di Matteo, i provvedimenti legislativi adottati dalle città di Valencia, Barcellona, Palermo, Agrigento e Messina, i 9 documenti inerenti le altre attività di tipo politico svolto da Matteo in Sicilia, 623.

[7] A[rkivju] P[atrijiet] F[ranġiskani] OFM, AO, 1: «duarum pecium panni per vestitu (…) ad rationem de uncis septem in octo per qualibet petia» 75-77; ibid., «fu declarato li frati del ordine minori di Santa Maria di Jesu doversi preferirsi alli frati del carmine et di santo Augustino», 71-73.

Ma' tliet kilometri 'il bogħod mill-qalba ta' Messina, kien hemm kunvent antik li kien tal-Patrijiet Karmelitani, imwaqqaf qrib l-1200, imma dawn, mhux wisq wara, abbandunawh u flokhom fl-1263 daħlu s-sorijiet Ċisterċensi, li fl-1389 huma wkoll ħallewh biex resqu aktar qrib il-belt. Bnew monasteru ġdid fuq Montecaperrina, imsejjaħ Santa Maria dell'Alto. Il-kunvent l-antik deher li kien idejali għall-Osservanti, li f'dan l-ewwel żmien kienu jfittxu biss imkejjen imbegħdin mill-ħamba tal-bliet. Il-Beatu talab dan il-kunvent lis-sorijiet li tawhulu b'offerta simbolika li kull sena l-patrijiet jagħtuhom xemgħa ta' żewġ libbri u nofs, u tagħbija larinġ u lumi.

## Santa Marija ta' Ġesù, it-titlu ta' l-Osservanti

Barra l-Isem Imqaddes ta' Ġesù l-Osservanti, ma setax jonqos, kellhom ħafna għal qalbhom id-devozzjoni lejn il-Madonna. San Bernardin ta' Siena fil-priedki tiegħu jagħtina marjoloġija sħiħa; imma hawn mhux ser immissu dan l-argument. Ngħidu biss li r-riformaturi kollha tal-moviment Franġiskan qiegħdu lill-Madonna fuq quddiemnett. Il-Beatu Mattew wieħed minnhom. Fost il-priedki tiegħu, li waslu s'għandna, hemm waħda, biex nagħtu eżempju, li sejħilha: «De Septem verbis Virginis Mariæ»;[8] jew is-seba' kelmiet tal-Madonna. Jintroduċi l-argument billi juża kliem is-Salmista [Salm 118, 103]: «Kemm hi ħelwa l-wegħda tiegħek! Oħla mill-għasel għal fommi». Is-seba' kelmiet huma: 1) «Kif ikun dan?» [Lq 1, 34]; 2) «Ikun minni skond kelmtek» [Lq 1, 38]; 3) «Qamet Marija u marret tħaffef lejn il-għoljiet, u sellmet» [Lq 1, 39]; 4) «Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej» [Lq 1, 46]; 5) «Ibni għaliex għamiltilna hekk? Ara missierek u jien konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma!» [Lq 2, 48]; 6) «M'għandhomx inbid» [Ġw 2, 3]; 7) «Agħmlu dak li jgħidilkom hu» [Ġw 2, 5]. Għal kull kelma jagħmel kumment u jagħti tagħlim prattiku. L-iskema ta' din il-priedka hi miktuba bil-latin, imma nafu li kien juża id-djalett sqalli. Il-Beatu Mattew fittex li jimita lil San Bernardin wkoll fid-devozzjoni marjana.[9] Dan jikkonfermah il-fatt li l-isem ta' Ġesù u ta' Marija jqiegħdhom flimkien: «sotto i quali egli ha organizzato l'Osservanza in Sicilia e con i quali ha voluto chiamare i conventi osservantini, da lui stesso costruiti ex novo o riformati sia in Sicilia sia nella Spagna. Tale novità aveva lo scopo di attirare la pietà dei fedeli (…)».[10]

## L-ewwel kunvent ta' l-Osservanti fi Sqallija

[8] B. Matthæi Agrigentini OFM, *Sermones Varii*, [A. Amore, ed.], Roma 1960, 52-53.

[9] F. Gonzaga, *De Origine Seraphicæ Religionis Franciscanæ*, Romæ 1587: «Beatus Pater Matthæus ab Agrigento beatum patrem Bernardinum de Senis in omnibus imitari studuit sanctissimique nominis Jesu strenuus prædicator, acerrimusque propugnator, insuper et gloriosissime virginis Mariæ diligentissimus cultor fuit, ut illud venerabilius, honorabiliusque Siculis, cæterisque Christi fidelibus (uti par erat) pro viribus redderet, et eiusdem Jesu matrem maxime commendaret, omnes à se erectos conventus huiusmodi titulo, videlicet Sanctæ Mariæ de Jesu sacrandos curavit; Cuius pietatem sequuti huius Provinciæ patres omnes fere alios ab eius morte constructos eodem nomine appellandos censuere», 386.

[10] Gozzo, 284.

Il-kunvent ta' Messina kien l-ewwel kunvent Osservanti fi Sqallija li Mattew sejjaħlu «Santa Maria» għad devozzjoni li di©à kien hemm fil-post lejn il-Madonna[11] u għall-Isem ta' Ġesù, id-devozzjoni ċentrali tal-predikazzjoni tiegħu. Hekk għandna «Santa Marija ta' Ġesù». Għall-Beatu Mattew dan it-titlu ġdid kien jiġbor flimkien il-programm kollu tal-predikazzjoni itineranti ta' l-Osservanti. U fi Sqallija sa sar sinonimu mall-Franġiskani tar-Riforma, megħjuna u inkoraġġiti mis-slaten ta' Aragona kif għedna,[12] u l-Papiet Martinu V u Ewġenju IV. Hekk ukoll għamlu l-mexxejja Osservanti sqallin li ġew wara l-Beatu: il-kunventi tar-Riforma Franġiskana semmewhom bl-istess isem ta' Santa Marija ta' Ġesù.[13]

Dan l-ewwel kunvent «Santa Marija ta' Ġesù» twaqqaf fi żgur fl-1425.[14] Meta fl-1462-64 l-Osservanti waqqfu t-tieni kunvent aktar qrib ta' Messina, dak ta' l-ewwel bdew isejħulu «S. Maria di Gesù di susu», jiġifieri ta' fuq, u dan tat-tieni «S. Maria di Gesù di jusu», jiġifieri ta' isfel.[15]

## Santa Marija ta' Ġesù tar-Rabat ta' l-Imdina

Insemmu l-ewwel tentattivi biex jitwaqqaf kunvent tar-Riforma Osservanti f'Malta. L-ewwel tentattiv uffiċjali sar meta l-Università ta' l-Imdina u l-poplu talbu lill-Papa Sistu IV - Franġiskan u ex-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni - biex jitwaqqaf kunvent ta' l-Osservanza. Dan fis-7 ta' Settembru 1482 ħareġ il-Bulla «Pia Fidelium», biex dan isir. B'danakollu dan il-proġett ma seħħx. U x'kienet sew ir-raġuni ma nafux. Jista' jkun minħabba l-qagħda xejn tajba li fiha kienet sabet ruħha Malta f'dik il-ħabta. Kellhom igerrbu s-snin; u dan kien żgur effett ukoll ta' liġijiet li l-Kapitlu Provinċjali ta' l-

---

[11] P. Samperi, *Iconografia della Gloriosa Vergine Madre di Dio Maria Protettrice di Messina* (…), Messina MDCXLIV: «Amenissimo è il luogo, e molto à proposito, per lo religioso ritiramento, e pare che la Santissima Vergine l'havesse eletto , come per casa sua, havendolo in diversi tempi conceduto ad alcune famiglie di Religiosi à se consacrate, sotto varij titoli». 141-42.

[12] Gozzo: «È giusto e doveroso riconoscere nei Sovrani d'Aragona i gradi protettori e sostenitori dell'Osservanza, perché veramente l'hanno difesa contro gli avversari e l'hanno sostenuta e favorita nel consolidarsi del suo sviluppo», 321-22.

[13] Il-kunventi fi Sqallija li twaqqfu bl-isem ta' *Santa Maria di Gesù,* huma: 2 f'Messina, Cammarata, Caltagirone, Castroreale, Siracusa, Noto, Adernò, Vizzini, Radazzo, Lentini, Naso, Modica, Palermo, Naro, Catania, Ferla, Piazza, Patti, Notabile (Malta), Corleone, Sampiero di Patti, Ficarra, Avola, S. Lucia del Mela, Palazzolo, Ispica, Capizzi, Mazzarino, Scicli, Bivona, Nicosia, Terranova, Francofonte, Petralia Soprana, Mistretta, Collesano, San Fratello, San Filippo d'Agira, Caltavuturo, Pietraperzia, Ragusa, Pagliano, Sambuca, Trapani, Termini, Mazzara, Licata, Alcamo, Racalmuto, Villafranca, Alimena, San Pietro, Taormina, Castrogiovanni, Chiaramonte Gulfi, Butera, Modica, Valletta (Malta). Ara, L.M. Mariani, *La Provincia SS. Nome di Gesù Frati Minori di Sicilia. I Conventi,* II, Palermo 1990, *passim.*

[14] Sa qabel it-terremot [28 ta' Diċembru 1908] fil-knisja ħdejn l-altar maġġur kien hemm kitba li tfakkar dan il-kunvent bħala l-ewwel wieħed ta' l-Osservanti fi Sqallija u mwaqqaf mill-Beatu Mattew fl-1418: «B. Mathæus ab Agrigento celeberrimus Prædicator / Qui et Episcopus fuit multisque miraculis clarus / Ex auctoritate apostolica huius Conventus Superior S. Mariæ de Jesu Messanæ fundator fuit huicque Sicilianæ Provinciæ initium dedit anno Domini 1418»; A Primaldo Coco, «La Sicilia Serafica. Appunti e Documenti», in *Studi Francescani,* XXIX (1932), 203.

[15] Dwar il-ħidma tal-Beatu u l-fundazzjoni tal-kunventi Osservani ta' żmienu ara l-aħjar studju li ħareġ s'issa: F. Rotolo, *Il Beato Matteo D'Agrigento e la Provincia Francescana di Sicilia nella Prima Metà del Secolo XV,* Palermo 1996.

Osservanti, iċċelebrat f'Messina, ippresjedut mill-Vigarju Ġenerali P. Giovanni Sigestro f'Settembru tal-1487, kien ħareġ: «Ordinationes sive Constitutiones»,[16] li fin-numru sitta tagħhom jingħad espressament li ma kellhomx jinfetħu kunventi ġodda qabel sitt snin minn dik id-data. Kellu wkoll jgħaddi dan iż-żmien biex seta' jitwaqqaf il-kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù tar-Rabat ta' l-Imdina. Saret talba mill-ġdid, u ħarġet il-Bulla «Apostolicæ Servitutis» tad-29 ta' Jannar 1494. Il-patrijiet żgur li ġew f'dawn is-snin, u kienu jgħixu f'xi mkien sakemm tlesta l-Kunvent il-ġdid. Forsi fl-Imdina, fid-dar li ħallielhom Giacomo Hakim. Nikkonfermaw dan b'dokument ġdid. Nhar is-17 ta' Ottubru 1495, ċertu Danzu Borg ħarrek lill-Prokuratur ta' l-Osservanti quddiem it-tribunal ekkleżjastiku.[17] Meta l-knisja u l-kunvent kienu lesti, il-Kapitlu Provinċjali li kien sar f'Cammarata aċċettahom uffiċjalment.[18]

L-ewwel dokumenti li għandna u li jsemmu dan it-titlu ta' Santa Marija ta' Ġesù ilkoll għandhom x'jaqsmu mall-fundazzjoni tal-kunvent tar-Rabat ta' l-Imdina li sa llum iġib dan l-isem. Ta' min jinnota wkoll li dejjem hu ħaġa waħda ma' l-isem «Osservanti». Fis-6 ta' April 1492 Giacomo Hakim fit-testment[19] tiegħu jħalli 120 uqija f'idejn qaribu Fra Mariano Hakim, reliġjuż li kien qiegħed fil-kunvent «Sanctæ Mariæ de Jesu Nobilis Civitatis Messanæ», biex jieħu ħsieb «ædificari et principiari uno Conventu et loco sub vocabulo di Sancta Maria de Jesu di la observancia». Mela probabbilment Fra Marjan kien fost l-ewlenin maltin Franġiskani ta' l-Osservanza li kien qiegħed fl-ewwel kunvent Osservanti, kif diġà semmejna, f'Messina. Hu kellu jinteressa ruħu li jinbena kunvent taħt l-isem ta' Santa Marija ta' Ġesù «in dicta Insula et non extra dictam Insulam».

## Santa Marija ta' Ġesù tar-Rabat ta' Għawdex

Ninnutaw li f'dan it-testment Giacomo Hakim jinsisti tliet darbiet li dan il-kunvent isir f'Malta u mhux f'post ieħor. Nistaqsu aħna, għaliex din l-insistenza li jsir f'Malta? Jista' jkun għaliex f'Għawdex diġà kien hemm kunvent ieħor imsemmi b'dan it-titlu ta' Santa Marija ta' Ġesù. Dan nafuh minn għotja li għamel il-Viċi-Re ta' Sqallija nhar l-14 ta' Diċembru 1489[20] ta' biċċa art proprjetà pubblika imsejħa «Jl Habil» [il-ħabel] biex «Frater Matheus di lu Piscupu ordinis Sanctj Francisci de Observancia» ikabbar il-kunvent «loco sub vocabulo Sancte Marie de Jhesu Jn terra Jnsule Gaudisij».

---

[16] «Regestum Observantiæ Cismontanæ (1464-1488)», in *Analecta Franciscana* XII, Grottaferrata-Roma 1983, 569: «6[0] quod non accipiantur loca de novo usque ad sex annos (…) neque Capitula provinciæ futura possint super hac ordinatione dispensare, nisi de consensu Vicarii generalis tunc existentis; alias tam subditus quam prælatus, qui in Capitulis vel extra Capitula locuti fuerint de huiusmodi locis accipiendis, totiens quotiens locuti fuerint teneantur irremissibiliter in Capitulo provinciali coram toto Capitulo facere disciplina».

[17] Ħajr lill-Prof. Stanley Fiorini ta' din in-nota. Id-dokument kollu ser ikun ippubblikat dalwaqt.

[18] G. Aquilina - S. Fiorini, *The Origin of Franciscanism in Late Medieval Malta,* Malta 1995, 49-50; Arkivju Provinċjali, *Atti Originali*, 1, 87: «Essendo supplicato da parte di la universita di malta alo capitolo di cammarata che fussi acceptato ditto loco di malta fo eletto et ordinato commissario cum plenitudine potestatis lo quondam Patri fratri Cherubino di noto, lo quali venendo in quista Cità acceptao ditto loco (…)».

[19], *The Origin*, doc. 1, 64-66.

[20] G. Aquilina - S. Fiorini, «New Documents Relating to the Origins of Religious Orders in Malta», in *Melita Historica, Proceedings of History Week 1994,* doc. H, 20-21.

Mela l-ewwel darba li jissemma' dan it-titlu huwa f'Għawdex, u Fra Mattew Piscopo kien Osservanti inkarigat minn kunvent ta' l-Osservanza taħt it-titlu komuni ta' l-Osservanti sqallin. Dan l-istess Fra Mattew, wara nsibuh Gwardjan tal-Kunvent ta' San Franġisk tal-Konventwali tar-Rabat ta' l-Imdina, u l-kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù tar-Rabat ta' Għawdex inbidel u għadda wkoll f'idejn il-Franġiskani Konventwali bl-isem ta' San Franġisk kif nafuh aħna. X'kienet ir-raġuni għad irridu insibuha. Nafu biss li f'Marzu 1492, erba' snin biss wara l-għotja tal-Viċi-Re, din il-fundazzjoni kienet diġà magħrufa bħala «conventus Sancti Francisci terre et insule gaudisii», il-kunvent ta' San Franġisk ta' l-art u gżira ta' Għawdex.[21]

Malli bdiet tinbena l-belt il-ġdida fuq il-Għolja Xeberras, il-Franġiskani kienu fost l-ewlenin li talbu biċċa art fejn jibnu kunvent u knisja. L-isem ta' «Santa Maria di Gesù», kien diġà magħruf sa fil-kuntratt ta' l-għotja ta' l-art fl-atti ta' Placidu Abela nhar l-14 ta' Mejju 1571.[22]

## Tifsira tat-titlu

Biex nagħlqu dan ir-raġunament fil-qosor dwar it-tifsira tat-titlu «Santa Marija ta' Ġesù», «Ta' Ġieżu» f'ilsien il-poplu tagħna, inżidu xi ħaġa dwar il-festa liturġika. Qabel xejn irridu ngħidu li għal San Bernardin u l-ewlenin Osservanti kienet teżisti biss ix-xbieha ta' Marija b'Ġesù magħha. Xhieda ta' dan huma l-istatwi kollha li l-Gagini u l-bottega tagħhom għamlu għal kemm il-knisja ta' l-Osservanti bit-titlu «Santa Maria di Gesù», ilkoll jinxtibħu u f'qagħda waħda. Fost dawn wieħed jista' jammira l-ġmiel ta' statwa li għadha teżisti fil-knisja tal-Patrijiet Minuri tar-Rabat. Din kienet biex ngħidu hekk, ix-xbieha «klassika» ta' Santa Marija ta' Ġesù. Bħala titular fil-knisja kien hemm il-famuż trittiku ta' Antonello De Saliba minn Messina, li llum għadha teżisti parti minnu. Illum hemm il-Viżitazzjoni, xogħol ta' Hyzler. Fil-knisja tal-Belt Valletta, bħala titular, l-ewwel ma kien hemm kien il-kwadru ta' Gasparre Formica, li għadu jeżisti wkoll. Flok dan, meta tkabbret il-Knisja u żdied il-kor, tqiegħed dak li hemm illum, ta' Antonio Catalano, datat 1600. Dan ukoll tista' ssejjaħlu tal-Viżitazzjoni. Mhux iż-Żjara ta' Marija tqila lil Santa Eliżabetta skond il-Vanġelu, imma Żjara oħra, fejn iż-żewġ ommijiet għandhom it-tfal magħhom, San Ġwann u Ġesù, flimkien ma' Qaddisin oħrajn.

## Il-Viżitazzjoni

Huwa fatt storiku u magħruf li l-festa tal-Viżitazzjoni, jew Żjara ta' Marija lil Eliżabetta, hija festa li l-ewwel li bdew jiċċelebrawha kienu l-Franġiskani sa mill-1263.[23] Il-Papa Franġiskan, Sistu IV [+1484] li għen kemm seta' fir-Riforma Osservanti, għolla din it-tifkira b'Uffiċċju u Quddiesa proprji nhar it-2 ta' Lulju ta' kull sena. F'Malta din il-

---

[21] ID, *The Origin,* 45 n. 63.

[22] APF, AO, VII, docc. 3, 4; G. Aquilina, «The Maltese Minor Franciscans and Marian Devotion in the 17th and 18th Centuries», in *Marian Devotions In The Islands Of Saint Paul (1600-1800),* [V. Borg, ed.], 333-34.

[23] A. Matanic, *Devozioni Francescane,* Roma 1895, 94.

Festa tal-Viżitazzjoni saret l-ewwel darba nhar id-9 ta' Ġunju 1525, b'deċiżjoni tal-Vigarju u l-Kapitlu tal-Katidral, *Sede Vacante*, u bi qbil mall-Ġurati.[24] Meta ż-żewġ knejjes bdew jiċċelebraw il-festa tal-Viżitazzjoni bħala l-Festa titulari tagħhom, għadna qegħdin infittxu. Żgur li bħalma kien jagħmel l-Ordni Franġiskan kollu, kienu jiċċelebraw din il-Festa skond il-kalendarju proprju tagħhom.

Santa Marija ta' Ġesù, huwa titlu marjan u mhux l-«Isem ta' Ġesù», imma Marija u Ġesù flimkien.

---

[24] Arkivju Katidral ta'' Malta, *Notizie diverse 1418-1688*, Documenta Series A, II, MS 3, 28; *Ibid.*; *Miscellanea Notitiarum*, 18: *Editto del Vicario Sede Vacante di solennizzarsi la festa della Visitazione della Madonna a tenore della risoluzione Capitolare e conseglio de' Giurati*, 181.